18 ta' Lulju, 1949.
Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.
Il-Pulizija *versus* Grazio Mifsud

**Vjolazzjoni tal-Proprjetà ta' Ħadd Ieħor — Danni — Art. 354 (d) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-kotravvenzjoni kontemplata fl-art. 354(d) tal-Kodiċi Kriminali, li jirrendi ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà lil min "bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni kontra l-proprjetà ta' ħadd ieħor li mhix imsemmija fil-paragrafi ta' qabel", ma teżistix jekk il-ħsara msemmija f'dik id-dispożizzjoni ma tkunx materjali. Biex ikun hemm dik il-kontravvenzjoni hija essenzjali l-ħsara materjali effettiva lill-proprjetà li tiġi vjolata.*

Il-Qorti, — Rat l-att ta' ċitazzjoni tal-Pulizija Eżekutiva kontra l-imsemmi Grazio Mifsud, li bih ġie lilu attribwit ir-reat talli ż-Żejtun, fit-3 ta' Mejju 1949, f'xis-7.30 pm., daħal fl-għalqa ta' Giuseppe Montebello mingħajr ir-rieda tiegħu;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-28 ta' Mejju 1949, li biha l-istess Grazio Mifsud ġie liberat mill-akkuża, billi dik il-Qorti ddikjarat li l-fatt ma jikkostitwix reat;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella lil din il-Qorti kontra s-sentenza fuq imsemmija fuq il-motiv illi l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi meta rriteniet illi, biex ikun hemm il-vjolazzjoni tal-proprjetà, irid ikun hemm ħsara fl-istess proprjetà;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-akkuża hija bażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 354 (d) tal-Kodiċi Kriminali, fejn jingħad li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà kull min "bi ħsara tas-sid jew tad-detentur jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħadd ieħor mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi";

Fil-paragrafi ta' qabel jingħad li hu ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà kull min jispara fuq ħamiem, jew

bċieċen, li ma jkunux tal-barr u li jkunu ta' ħadd ieħor, jaqta' jew jiekol mir-raba ta' ħadd ieħor frott jew prodotti oħra, u kull min, meta jsib ħwejjeġ li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet, ma jgħarrafx bihom fi żmien tlitt ijiem lill-Pulizija Eżekutiva;

Illi, kif jidher mir-rikors ta' l-appell u minn dak li ssottometta l-imsemmi Avukat tal-Kuruna waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-appellant jirritjeni illi l-kliem "bi ħsara tas-sid jew tad-detentur" fl-imsemmi inċiż (d) ta' l-artikolu tal-liġi penali fuq ċitata, ma jimpurtax essenzjalment in-neċessità ta' ħsara materjali effettiva lill-proprjetà li tiġi vjolata. "Kieku kien hekk", issottometta l-Attorney General, "allura min jaqbad u jieħu car ta' ħadd ieħor, mingħajr jew kontra l-volontà ta' sidha, mingħajr l-intenzjoni li jipprivah permanentement minnha, u bla ma jagħmillu ħsara (u taħt iċ-ċirkustanzi ma jkunx hemm lok għal "furto di uso" — il-"furto" jrid ikun sempliċi), ma jirrendix ruħu ħati ta' ebda reat". L-appellant issottometta wkoll illi "il-ħsara, tant doluża kemm kolpuża", hija kontempata aktar serjament f'dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi, u tagħti lok għal delitt, u mhux għal kontravvenzjoni";

Ikkunsidrat:

Illi l-fatt li l-kontravvenzjoni riżultanti mill-vjolazzjoni ta' l-inċiż (d) ta' l-art. 354 tal-Kodiċi Penali fuq ċitat hija kontemplata fis-subtitolu III tal-Kodiċi "Fuq il-Kontravvenzjonijiet kontra l-proprjetà", u wara kontravvenzjonijiet kontra l-proprjetà fejn ikun hemm dannu għall-istess proprjetà. kif jidher mill-inċiżi ta' qabel ta' l-istess artikolu li ġew fuq riportati, u l-fatt li dan l-inċiż (d) jikkontempla dannu għall-proprjetà mhux imsemmi fl-inċiżi ta' qabel u lanqas banda oħra fl-istess Kodiċi, u dina l-band'oħra tal-Kodiċi hija dik fejn hemm kontemplati danni għall-proprjetà, kif jirriżulta minn notamenti tal-Maġistrat Dottor Emmanuele Bartoli, jurr b'mod ċar biżżejjed illi għall-kontravvenzjoni in kwistjoni. kontemplata fl-inċiż (d) ta' l-art. 354 tal-Kodiċi Kriminali. hemm bżonn li jkun hemm id-dannu, il-ħsara għall-proprjetà, li hija l-kelma adoperata fl-istess dispożizzjoni tal-liġi. Mhux eżatt dak li ssottometta l-Attorney General, li kull ħsara lill-proprjetà, tant doluża kemm kolpuża, tagħti

lok għad-delitt u mhux għal kontravvenzjoni; difatti fl-inċiżi (a) (b) u (c) ta' l-istess art. 354 il-ħsara materjali lill-proprjetà kjarament tagħti lok għal kontravvenzjoni;

Għar-rigward, imbagħad, għal dak li l-Attorney General issottometta dwar *min jaqbad* u jieħu car ta' ħadd ieħor, mingħajr jew kontra l-volontà ta' sidha, mingħajr l-intenzjoni li jipprivah permanentement minnha — f'liema każ, skond l-Attorney General, tirrikorri l-kontravvenzjoni in kwistjoni, avvolja ma jkunx hemm ħsara — hu biżżejjed li jiġi osservat illi anki f'dak il-każ ikun hemm dannu lill-proprjetarju jew lid-detentur tal-car, li jista' jikkonsisti fil-konsum ta' petrol, u f'kull każ anki fil-kedd, żgħir kemm ikun żgħir, fil-karrozza jew f'xi parti tagħha, li jiġi kaġunat bis-sewqan tagħha;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunzjata.